



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Marzu 2023
(OR. en)

7594/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0061(NLE)

PECHE 98
UK 48
N 29

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	COM (2023) 114 FINAL
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (l-ewwel emenda) - Dikjarazzjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża dikjarazzjoni konġunta dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

MILL-IRLANDA, FRANZA, IL-PORTUGALL U SPANJA

dwar l-iskambju ta' opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet skont l-ICCAT

Skont diversi rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT, l-Unjoni tista', fuq talba, tittrasferixxi perċentwal tal-kwota mhux użata tagħha għal ċerti stokkijiet fl-ambitu tal-ICCAT: Alonga tat-tramuntana (*Thunnus alalunga*) (ALB/AN05N), għall-Alonga tan-nofsinhar (ALB/AS05N), għat-Tonn obeż (*Thunnus obesus*) fl-Oċean Atlantiku (BET/ATLANT), kif ukoll għall-pixxispad (*Xiphias gladius*) fl-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N (SWO/AN05N) u għall-pixxispad fl-Oċean Atlantiku, fin-Nofsinhar ta' 5° N (SWO/AS05N). Huwa fl-interess tal-Unjoni li jiġi żgurat li l-Istati Membri tal-UE jkunu jistgħu jużaw, qabel ma jibdew l-istaġuni tas-sajd rispettivi, il-kwoti tal-Unjoni għall-istokkijiet tal-ICCAT kif previsti mill-ICCAT għas-sena 2023, inkluż kwalunkwe trasferiment jew tnaqqis.

Franza, l-Irlanda, il-Portugall u Spanja jirrikonoxxu li l-kwoti individwali rispettivi tagħhom għal dawk l-istokkijiet għandhom iqisu jekk l-Istat Membru kkonċernat ma stadx biżżejjed jew stad iżżejjed l-istokk partikolari fl-2021. Għal dan il-għan, huma jintrabtu li, wara li jinnotifikaw lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, jiskambjaw parti mill-opportunitajiet tas-sajd allokat lihom għal dawk l-istokkijiet tal-ICCAT biex jiżguraw li l-opportunitajiet tas-sajd fl-2023 jikkorrispondu għal x'inhuma l-kwoti individwali tagħhom b'kont meħud tas-sajd insuffiċjenti jew is-sajd eċċessiv tagħhom fl-2021. L-iskambji ser isiru kif ġej:

Pixxispad tan-Nofsinhar	
Stat Membru	Skambju
Spanja	-32,36
Il-Portugall	32,36

Pixxispad tat-Tramuntana	
Stat Membru	Skambju
Spanja	129,23
Il-Portugall	-125,74
Oħrajn	-3,49

Alonga tat-Tramuntana	
Stat Membru	Skambju
L-Irlanda	-70,60
Spanja	-549,51
Franza	232,27
Il-Portugall	387,84

Tonn obeż	
Stat Membru	Skambju
Spanja	74,24
Franza	208,14
Il-Portugall	-282,38
